MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 917/2001/1

**Loreto Camilleri**

**Vs**

**Vincent Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' s-somma ta' elfejn mija u hamsin lira (Lm2150) jew ammont verjuri in linea ta' danni mill-konvenut ikkagunati u minnu subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Siggiewi fl-1 ta' Mejju 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru KBA 596 habat mal-vettura Nru DAI 585, propjeta' tal-attur u misjuqa minn Romina Camilleri prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Setembru 2001 u dawk tal-ittra ufficjali presentata ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mid-data tal-presentata tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih stante illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament l-isess attur minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur.

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensur tal-attur.

Ikkunsidrat

Illi kif xehed PS 318 Frances Rogers (fol 16 et seq ibid) dan l-incident gara f'Triq Monsijur Mikiel Azzopardi. Ftit il-boghod jinsab passagg pedonali, kif hemm accenn ghalih fl-iskizz maghmul u esebit mill-istess xhud (a fol 23 tal-atti). In rigward l-istess passagg pedonali, qabel ma tasal ghalih, hemm tlett sinjali li jindikaw id-distanza mill-istess passagg. Inoltre fuq iz-zewg nahat hemm bini kontinwu. Fuq l-istess skizz, hemm murija z-zewg vetturi, involuti dik 'ossija 'vann' misjuqa mill-konvenut bin-numru KBA 596 u dik misjuqa minn Romina Camilleri bin-numru DAI 585. Wara din l-ahhar vettura, hemm fuq wara taghha markati ta' 'brakes' twal 24 metru. Jigi notat ukoll li hemm murija, ukoll Triq il-Ghid, triq laterali b'sinjal ta' 'stop'.

Ikkunsidrat

Illi, fir-rapport sottomess mill-istess xhud (fol 20 ibid) jidher li Romina Camilleir keinet stqarret li waqt li kienet qed

issuq fit-triq principali '… van harigli f'daqqa minn 'side street' u avolja ghafset il-'brake' sehhet il-habta. Da parti tal-konvenut dan stqarr illi hu kien ser johrog minn triq laterjali u qabel ma' ghamel dan, waqaf '… fuq l-istop sign meta ma' kien gej hadd hrigt … u kif qbizna nofs it-triq, il-vettura l-ohra giet xkanata……'

Ikkunsidrat

Illi l-istess Romina Camilleri xehdet permezz ta' 'affidavit' a fol 34 tal-atti u din qalet illi meta kienet waslet bejn 25 u 30 metru l-boghod mill-kantuniera, hi kienet rat il-'van' misjuqa mill-konvenut '….. jasal ma' tarf l-'stopsign'. Hawnhekk, pero' l-konvenut '…. Ma waqafx, ghalkemm dan naqqas xi ftit (bhal ma kienet ghamlet hi) imma baqa' hiereg f'daqqa. Hawnhekk, hi ghafset il-'brake pedal' izda sehhet il-habta fuq in-naha taghha tat-triq principali. Fl-ahhar nett, hi rrepetiet li '…. Hu qatt ma rajtu wieqaf imma' baqa' hiereg f'daqqa'.

Illi, presenti fil-post tal-incident kien hemm Dione Farrugia (fol 35 ibid) li semma li Romina Camilleri kienet qed issuq b'velocita deskitta minnu bhala 'normali'. In rigward il-van misuq mill-konvenut, hu ra li dan '… wasal sa tarf l-stop sign u baqa' heireg minghajr ma waqaf xejn'. u '…. hareg f'daqqa'.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, meta xehed (fol 42 et seq ibid), sostna li, filfatt, kien waqaf fuq l-imsemmija 'stop sign' u meta ra li ma kien gej hadd, hu saq ghal fuq it-triq principali. Pero, fuq il-lemin tieghu giet karozza tal-ghamla "Lancer" '…. laqtitni mal-pilastru (fuq il-lemin) …. Bid-daqqa … pparkjatni mal-faccata l-ohra', kif jidher mill-imsemmi skizz. Waqt li rrefera ghal marki ta' 'brakes' twal 24 mteri, kif ukoll ,murija fuq l-istss skizz, hu qal li Romina Camilleri, kienet qed issuq 'sparata'. In rigward il-vizwali fuq il-lemin tieghu qabel ma hareg mit-triq laterali, hu iddeskrivieh bhala 'naqra kurvat' u '… stajt nara sa tul ta' hamsin metru' anke b'karozza parkeggati, kif kien hemm (ara r-ritratt esebit minnu a fol 46 u li fuqu hi murija lokalita').

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti li l-kawza principali ta' dan l-incident kienet in-nuqqas ta' kawtela da parti tal-konvenut li, fil-fehma tal-Qorti, ma waqafx fuq jew ftit qabel l-imsemmija 'stop sign' sabiex jaccerta ruhu li, kemm mix-xellug kemm mill-lemin tieghu fuq it-triq principali ma kienx gej traffiku iehor. Pero, fl-istess waqt, il-Qorti tara li Romina Camilleri, fuq basi ta' probabilta, ikkontribwit ghal dan l-incident permezz ta' sewqan b'velocita akkwantu eccessiva u bl-ebda mod rakkomandabbli f'dik il-lokalita'.

Illi, a basi ta' dan, l-istess Qorti tara li r-responsabilta' ta' dan l-incident ghandha tigi maqsuma kwantu ghal zewg terzi (2/3) lill-konvenut u terz (1/3) lill-Romina Camilleri.

Ikkunsidrat

Ili, dwar il-'qauntum' hu minnu li PS 318 Francis Rogers iddeskriva l-hsarat fuq iz-zewg vetturi bhala hfief ('slight a fol 17 ibid). Pero skond kif xehed Anthony Savona (fol 25 ibid) waqt li l-vettura misjuqa mill-konvenut, assikurat mis-socjeta' assikuratrici rappresentata minnu, giet resa 'beyond econimical repair', dik tal-attur, misjuqa minn Romina Camilleri, giet ukoll resa' total loss' ossija 'beyond economical repair' minhabba l-incident in esami bi stima ta' danni ammontanti ghal Lm2208.50 (ara ukoll ir-ritratti a fol 29 u fol 31 et seq tal-atti).

Illi, ghalhekk l-ammont totali ta' danni qed jigi likwidat f'din is-somma.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' in parte' it-talbiet attrici u

1. tiddikjara lill-konvenut bhala responsabbli ghall-incident in esami kwantu ghal zewg terzi (2/3) u dan minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tieghu, bil-kontributorjeta' tal-istess Romina Camilleri.

2. tillikwida l-ammont globali ta' danni fis-somma ta' Lm2208.50 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur zewg terzi (2/3) ta' din is-somma ammontanti ghal Lm1472 bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes ta' din il-procedura l-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas zewg terzi (2/3) tal-ispejjes kollha u lill-attur terz (1/3) tal-istess spejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------